# Certificate in christian leadership

**L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali (IFP) għat-tieni sena konsekuttiva se joffri l-kors li jġib l-isem Certificate in Christian Leadership.**

## Għan

Is-Sinodu Djoċesan ta viżjoni u heġġa ġdida għall-ħidma pastorali tal-Knisja Kattolika f'Malta. B'mod partikulari, fid-dokumenti dwar il-Knisja u l-Lajċi jinsisti fuq il-bżonn li Nsara jiġu ffurmati ħalli jkunu lesti li jħeġġu, jisimgħu, jinterpretaw u jilħqu l-ħtiġiet ta' ħuthom.

Fid-dawl ta' din l-istedina, għal darba oħra l-IFP qed jipproponi dan il-kors li permezz tiegħu jistgħu jiġu mgħejjuna tant persuni ħalli bħala leaders jkunu mħejjija jilqgħu l-isfidi dejjem jikbru li magħhom tħabbat wiċċha l-Kommunità Nisranija.

Il-kors għandu bħala għan ewlieni li joffri viżjoni ta' leadership Nisranija msaħħa b'dawk l-għodod umani li huma meħtieġa sabiex persuna tkun tista' toffri għajnuna u qadi fi ħdan il-Knisja.

## Għal min hu dan il-kors

Il-kors Certificate in Christian Leadership huwa maħsub għal dawk kollha li bħala leaders fi ħdan parroċċi, gruppi jew għaqdiet huma msejħa biex imexxu u janimaw lil ħuthom Insara.

## Struttura tal-Kors

Il-kors jikkonsisti f'erba' weekend seminars. L-ewwek tlett seminars, li m'humiex residenzjali, għandhom bħala skop li jitrattaw Group Dynamics, Leadership Skills, Il-Persuna tal-Leader, Interpersonal Skills. L-aħħar seminar, li huwa residenzjali, jkun wieħed li fih issir riflessjoni dwar il-Mudell Bibliku tal-Leadership.

## Ko-ordinaturi u kollaboraturi

Il-Ko-ordinatriċi tal-kors hija Ms Mary Anne Agius, flimkien mat-tim ta' Kollaboratriċi u Kollaboraturi: Sr Mariellla Agius RSCJ, Audra Micallef, Jo. Christine Scicluna, Georgina Debattista, Anna Maria Mangion, Sr Marie Scicluna RSCJ.

## X'inhu meħtieġ biex tapplika

Il-parteċipanti jridu jkollhom 20 sena jew iżjed, u li fil-preżent qed joffru servizz jew huma parti minn xi esperjenza pastorali fi ħdan il-Knisja.

Ikun meħtieġ li l-parteċipanti jippreżentaw ittra mill-Kappillan jew Responsabbli ta' l-Għaqda jew Moviment li fi ħdanha jaħdmu.

## Xieraq li tkun taf illi…

Dan il-kors għandu fih parti ta' impenn bil-miktub li permezz tagħha kull parteċipant/a tiġi/jiġi eżaminat/a.

Attendenza għal kull sessjoni hija neċessarja biex dan il-kors jista' jkun validu.

## Dati tas-seminars

| | |
|---|---|
| L-ewwel seminar | 16 - 18 ta' Novembru 2007 |
| it-tieni seminar | 22 - 24 ta' Frar 2008 |
| it-tielet seminar | 7- 9 ta' Marzu 2008 |
| ir-raba' seminar | 11- 13 ta' April jew 16-18 ta' Mejju 2008 |

## Ħinijiet ta' l-ewwel tliet weekend seminars

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa | 6.00 pm – 9.00pm |
| Is-Sibt | 9.00 am – 12.00pm, 2.00pm – 6.00pm |
| Il-Ħadd | 9.00 am – 1.00 pm |

## Ħlasijiet

Parteċipazzjoni Lm60
Dan il-ħlas jinkludi l-ewwel 3 seminars (ikel mhux inkluż) u l-aħħar seminar ( kollox inkluż )

## Applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-front desk tal-Kurja:

**Kurja ta' l-Arċisqof**
**Floriana VLT 16**

JEW

Niżżel l-applikazzjoni minn fuq il-website www.maltapfi.org

L-applikazzjonijiet flimkien ma' ittra ta' preżentazzjoni għandhom jintbagħtu lil:

**Ms Mildred Falzon**
**Secretary Certificate in Christian Leadership**
**The Archbishop's Curia**
**Floriana VLT 16**

Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa 28ta' Settembru 2007

# Applikazzjoni

| | |
|---|---|
| Isem | |
| Kunjom | |
| Organizzazzjoni Parroċċa | |
| Isem ta' min kiteb l-ittra ta' preżentazzjoni | |
| Indirizz | |
| | |
| Telefon | |
| E-mail | |

Disinn u stampar tal- Media Centre, 2007



# Certificate in christian leadership